**A.L. 361 tal-2014**

## ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

## Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bis-saħħa tal-artikoli 53(2) u 72 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Ministru għal Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, bi ftehim mal-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinfthemu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani), hawn aktar 'il quddiem msejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. L.S. 363.20

**2.** Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira "ftehim kollettiv" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

"ftehim kollettiv" tfisser il-ftehim kollettiv għall-ħaddiema klerikali tal-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali ffirmat, u kif ikun fis-seħħ*, minn żmien għal żmien bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u t-*trade union* li tirrappreżenta l-maġġoranza tal-ħaddiema klerikali impjegati mill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali:

Iżda f'każ fejn dawn ir-regolamenti jkunu f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim kollettiv fis-seħħ għandu jipprevali dan tal-aħħar;".

---

* Il-Ftehim Kollettiv fis-seħħ bħalissa ġie ffirmat fl-4 ta' Marzu, 2013, u wieħed jista' jkollu aċċess għalih permezz tal-url li ġej: Local Government - Home

**L.N. 361 of 2014**

**LOCAL COUNCILS ACT**
**(CAP. 363)**

**Local Councils (Human Resources) (Amendment) Regulations, 2014**

BY VIRTUE of the powers conferred to him by means of article 53(2) and 72 of the Local Councils Act, the Minister for Justice, Culture and Local Government, with the concurrence of the Minister for Finance, has made the following regulations:-

Citation.

S.L. 363.20

**1.** The title of these regulations is the Local Councils (Human Resources) (Amendment) Regulations, 2014, and these regulations shall be read and construed as one with the Local Councils (Human Resources) Regulations, hereinafter referred to as "the principal regulations".

Amends regulation 2 of the principal regulations.

**2.** In regulation 2 of the principal regulations, for the definition "collective agreement", there shall be substituted the following:

" "collective agreement" means the collective agreement for clerical employees employed at the Local Councils and Regional Committees signed, and as may be in force*, from time to time, between the Local Councils Association and the trade union representing the majority of clerical employees employed by Local Councils and Regional Committees:

Provided that in the event that any of these regulations conflict with the provisions of the collective agreement in force, the provisions of the latter shall prevail;".

---

* The Collective Agreement currently in force was signed on the 4th March, 2013, and it may be viewed on the following url: Local Government - Home